MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 1631/2010

**Vittoriosa Gaming Limited [C-27613]**

**Vs**

**1. Transport Malta u b'digriet datat 15 ta' Frar, 2011 it-Tribunal ordna li kull fejn jirrikorri l-isem Transport Malta dan ghandu jigi korrett ghal Awtorita ghat-Trasport f'Malta;**

**2. Polidano Brothers Limited [C-8884] ;**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta attrici mressqa fit-3 ta' Novembru, 2010** u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet lill-konvenuti jhallasuha s-somma ta' tlett elef mija u erbgha u sittin euro u hamsa u disghin centezmi ta' euro [€3,164.95] u dan wara li ppremettiet hekk:

“Illi l-intimati jew min minnhom jigu kkundannati sabiex, fi zmien qasir u perentorju, jhallsu s-somma kumplessiva ta’ tlett elef, mija u erbgha u sittin euro u hamsa u disghin centezmu [€3,164.95] lis-socjeta rikorrenti, rapprezentanti dani u spejjez sofferti mis-socjeta rikorrentighall-liema danni huma responsabbli l-intimati jew min minnhom b’rizultat tan-negligenza u traskuragni tal-intimati jew min minnhom u/jew ta’ nies imqabbdin minnhom waqt l-ezekuzzjoni ta’ xogholijiet ta’ rikostruzzjoni stradali fi triq San Lawrenz, il-Birgu.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa ngunti in subizzjoni”.

Ra **r-risposta ta’ l-Awtorita ghat-Trasport f’Malta** minnha mressqa fit-23 ta’ Dicembru, 2010 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

i. Illi in linea preliminari jigi eccepiet il-“lis alibi pendens” stante li tesisti kawza ohra fuq l-istess oggett, fl-ismijiet: “Atlas Insurance PCC Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Vittoriosa Gaming Limited abbazi tal-polza u tal-ligi vs Transport Malta u Polidano Brothers Limited” (Avviz Nru. 1472/2010) quddiem it-tribunal ghal Talbiet Zghar diversament ippresedut;

ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari, l-Awtorita konvenuta mhix il-legittimu kuntradittur u ghalhekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, u dana kif ser jigi ppruvat fil-kawza;

iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tas-socjeta attrici, jew parti minnhom, huma preskritti ai termini ta’ l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

iv. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet kontra l-

Awtorita konvenuta qed jigu respinti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dana kif ser jigi ppruvat fil-kawza;

v. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni allegati u pretizi qed jigu kkuntestati u ghandhom jigu ppruvati.

vi. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici, inkluzi l-ispejjez ghar-risposta ta' l-ittra ufficjali, li tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra **r-risposta tas-socjeta konvenuta Polidano Brothers Limited (C-8884)** minnha mressqa fil-11 ta' Gunju, 2012 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

i. Illi preliminarjament ghal dak li jirrigwarda danni allegatament sofferti qabel Ottubru 2008, dawn huma preskritti ai termini tal-Artiklu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda danni allegatament sofferti f'Ottubru, 2008 ir-rikorrenti m'ghandhomx l-interess guridiku rikjest sabiex jipproponu din l-azzjoni stante illi huma gew rizarciti mis-socjeta assiguratrici Atlas Insurance PCC Ltd u ssurrugaw lil l-istess socjeta fid-dritt taghhom.

iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta Polidano Brothers Limited m'ghandhiex twiegeb ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta rikorrenti stante li hija ma hiex responsabbli ghal tali hsarat.

iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost f'kas ta' sejba ta' responsabbilta l-ammont reklamat mis-socjeta attrici huwa wiehed eccessiv u mhux gustifikat.

v. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta rikorrenti"

Ra l-verbal datat 15 ta' Frar, 2011 fejn Dr. Cynthia Van der Weerden ghall-Awtorita konvenuta ddikjarat li qed tirtira l-ewwel eccezzjoni dwar il-lis alibi pendens (fol. 18);

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Gunju, 2011 fejn il-partijiet qablu li l-provi li ngabu waqt is-seduta tas-16 ta' Gunju, 2011 fil-kawza li ggib l-avviz numru 1472/2010 kellhom jghoddu ukoll bhala provi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Din is-sentenza tirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla miz-zewg konvenuti f'dawn il-proceduri.

2. **Lawrence Formosa**, *claims manager* mas-socjeta attrici xehed fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2011. Huwa esebixxa kopja tas-*subrogation form* iffirmata mis-socjeta Vittoriosa Gaming Limited u dan wara li din ta' l-ahhar

kienet thallset ghal claim li kienet ghamlet. Huwa jghid ukoll li l-ammont li huma hallsu kien ta’ €3,220.05. Ghar-rigward ta’ l-ispedizzjoni ta’ xi ittra ufficjali mis-socjeta attrici, dan ix-xhud ighid li huma bhala socjeta ma kienux baghtu pero l-Vittoriosa Gaming Limited kienet baghtet ittra ufficjali.

3. **Mark Paretti**, *maintenance manager* mas-socjeta Vittoriosa Gaming Limited stqarr li s-*subrogation form* immarkata bhala dok. LF1 (fol. 27) ma saritx minnu pero kien iffirmaha l-*General Manager* tieghu quddiemu stess.

4. Xehed ukoll **Gordon Zammit**, Perit mal-Awtorita konvenuta li qal li fil-kaz in ezami “*... l-ewwel darba illi l-Awtorita qatt irceviet xi dokumenti jew semghet xi haga fil-kaz minghand Atlas Insurance kienet permezz tal-avviz tat-talba in kwistjoni*” (fol. 22).

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Iz-zewg konvenuti f’dawn il-proceduri jsostnu li l-azzjoni tentata mis-socjeta attrici hija perenta a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Dan l-artikolu tal-ligi jaqra hekk:

**2153.** L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’sentejn.

7. Skond il-provi mressqa u d-dokumentazzjoni esebita sa issa jirrizultaw is-segwenti fatti:

i. Is-socjeta attrici tallega li l-konvenuti jew minn minnhom ikkawzaw danni b’rizultat tat-traskuragni u negligenza taghhom u/jew ta’ nies imqabbdin minnhom waqt l-ezekuzzjoni ta’ xogholijiet ta’ rikostruzzjoni stradali fi Triq San Lawrenz, gewwa l-Birgu;

ii. Is-socjeta attrici kienet resqet *claim* mas-socjeta Atlas Insurance PCC Limited u l-istess socjeta attrici

thallset ghal din il-*claim* li hija kienet ghamlet skond il-polza tal-assikurazzjoni li kellha ma' l-Atlas;

iii. Il-*claim* li hija ghamlet mas-socjeta Atlas Insurance PCC limited kienet ghar-rigward ta' l-incident li sehh fl-1 ta' Ottubru, 2008. Dan jirrizulta mis-*subrogation form* li giet esebita fil-process bin-numru 1472/10 fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Ltd vs l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta.

iv. Jirrizulta ukoll li l-*claim* totali kienet ghal izjed minn sitt elef euro (€6,000) pero, peress li kien hemm certu limitazzjonijiet fil-polza tal-assikurazzjoni thallset biss nofs il-*claim* u cioe l-ammont ta' tlett elef mitejn u ghoxrin euro u hames centezmi ta' euro (€3,220.05);

v. Is-socjeta attrici kienet baghtet ittra ufficjali fis-26 ta' Ottubru, 2009, liema ittra ufficjali giet notifikata lill-konvenuti fis-26 ta' Ottubru, 2009;

vi. Fit-3 ta' Novembru, 2010 giet intavolata l-kawza odjerna, li giet notifikata lill-konvenuti fit-2 ta' Dicembru, 2010;

8. It-Tribunal ma jistax jifhem kif qeghdin jigu mressqa dawn l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni mill-konvenuti odjerni fir-rigward tas-socjeta attrici. Dan ghas-segwenti ragunijiet:

a) Fis-26 ta' Ottubru, 2009 giet intavolata ittra ufficjali kontra l-konvenuti, liema ittra ufficjali giet debitament notifikata lilhom fid-29 ta' Ottubru, 2009. F'din l-ittra ufficjali, l-konvenuti gew infurmati li l-istess socjeta attrici kienet qeghda "*... tirrizerva kull dritt ta' azzjoni spettanti lilha ghad-danni gja sofferti u danni eventwali li tista ssofri a kawza ta' l-inadmepjenza taghkom*" (fol. 24). Dan ifisser li jekk kien hemm xi terminu ta' preskrizzjoni ghaddej, dan gie interott.

9. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-event dannuz sehh qabel is-26 ta' Ottubru, 2007 (sentejn mis-26 ta'

Ottubru, 2009) anzi pjuttost li bdew isiru fil-bidu ta' Marzu, 2008 meta imbaghad beda jinqala l-inkwiet.

10. Illi l-kawza giet intavolata fit-3 ta' Novembru, 2010 u allura ftit aktar minn sena wara li giet intavolata l-imsemmija ittra ufficjali u allura anke hawn ma lehaqx ghadda t-terminu preskrittiv ta' sentejn.

11. It-Tribunal jista jieqaf hawn, pero jhoss li anke l-eccezzjonijiet l-ohra mressqa mill-konvenuti, flimkien ma dawk tal-preskrizzjoni jaghtu lok biex huwa jasal ghal fehma li l-konvenuti rrinunzjaw ghall eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

12. L-Awtorita konvenuta tghid fil-hames eccezzjoni taghha li "*Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni allegati u pretizi qed jigu kkuntestati u ghandhom jigu ppruvati*". Da parti taghha, s-socjeta konvenuta fir-raba' eccezzjoni taghha tghid li "*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost f'kas ta' sejba ta' responsabbilta l-ammont reklamat huwa wiehed eccessiv u mhux gustifikat*".

13. B'referenza ghall-eccezzjoni mqanqla mill-Awtorita konvenuta u hawn fuq riportata, jinghad li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tmurx mal-eccezzjoni li d-danni qeghdin jigu kkontestati. Jew il-kaz huwa preskritt, jew inkella d-danni qeghdin jigu kontestati. L-istess haga ghar-rigward ta' l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u cioe li jew il-kaz huwa preskritt jew inkella d-danni huma esagerati.

14. Fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Jannar, 1998 bl-ismijiet **Antonia Attard Gialanze vs Emanuel u Doris Rizzo** – fejn l-eccezzjoni f'dik il-kawza kienet "*sussidjarjament u bla pregudizzju fi kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub huwa ezagerat*" – l-istess Qorti kkunsidrat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni segwita b'eccezzjoni fejn qed jigi kkontestat il-quantum tal-ammont mitlub, bhala insostenibbli fil-ligi. Dik l-Onorabbli Qorti qalet illi "... *l-insenjament li hareg kien dejjem fis-sens li, salv xi sfumaturi partikolari minn kaz ghal iehor, id-debitur illi ammetta li ghandu jghati lill-*

*attur, imma biss ma jirrikonoxxix bhala ezata s-somma pretiza, jigi li jirrinunzja tacitament ghal preskrizzjoni*".

15. Dik l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) kompliet tghid hekk:

"*Illi minn ezami ta' l-eccezzjonijiet issollevati mill-konvenuti (fol. 5 tal-process), il-konvenuti appellati cahdu dejnhom biss in vista tal-preskrizzjoni ghaliex in subsidium, ankorke bla pregudizzju, eccepew ukoll li:*

*'fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esagerat';*

*Dan jimplika li fil-meritu huma kkontestaw il-quantum se mai dovut. L-awtorevoli Troplong (ara prescrizione no. 67, Aubry et Rau VIII para. 776) jghallew mhekk:*

*'Vi ha rununzia tacita all prescrizione quando il debitore, sena negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, e l'espressione usata dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore ma non riconosceva essere esatta la somma'*

*L-Ewwel Qorti semmiet il-fatt li provi li jistghu jwaqqghu l-perkors tal-preskrizzjoni ma ngibux quddiemha imma hu stabbilit u notorju l-fatt li meta d-debitur jallega li huwa m'ghandux jaghti daqskemm il-kreditur jippretendi minghandu, ikun ifisser li huwa rrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni (hekk ara l-Appell Civili,* ***G. Demarco vs G. Aquilina****, ta' l-10 ta' Gunju, 1946). Allura u konsegwentement ikun ifisser illi:*

*'la detta prescrizione opposta dal convenuto deve ritenersi inefficace altese la rinuncia fattavi (ara decizjoni tal-prim' Awla fil-kawza* ***Carbun vs Bezzina*** *tad-29 ta' Jannar, 1897);*

*Fi kliem iehor, ir-rinunzja f'dan il-kaz tista tkun espressa jew tacita u r-rinunzja minn fatt li jissuponi l-abbandun tal-jedd akkwistat (ara d-decizjoni in re* ***Borg vs Testaferrata Bonnici*** *moghtija fl-24 ta' Marzu, 1958);*

16. Issa fil-kaz odjern, l-Awtorita konvenuta bdiet il-hames eccezzjoni taghha bil-kliem "*Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost*", filwaqt li s-socjeta konvenuta bdiet ir-raba' eccezzjoni taghha bil-kliem "*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost*". Dwar dan il-punt, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza citata hawn fuq **Attard Gialanze vs Rizzo et** kompliet tghid hekk:

*"Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellati li t-tieni eccezzjoni taghhom saret bla pregudizzju, anke hawn hemm insenjament car u cjoe illi, (ara ukoll fost ohrajn id-decizjoni **Felice Fenech vs Carmelo Bellia** tad-29 ta' Jannar, 1960, moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili);*

*'... xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla pregudizzju ta' l-eccepita preskrizzjoni in vista tal-principju protestatis contra factum non relevat u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja ghall-preskrizzjoni ...'"*

17. Ghalhekk ukoll, oltre r-ragunijiet diga mghotija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenuti fir-risposti rispettivi taghhom ma tistax tintlaqa u konsegwentement sejrin jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed:

a) jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mqanqla mill-Awtorita konvenuta fir-risposta taghha datata 23 ta' Dicembru, 2010;

b) jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mqanqla mis-socjeta konvenuta fir-risposta taghha datata 11 ta' Gunju, 2012;

Bl-ispejjez ta’ dawn iz-zewg eccezzjonijiet jinqasmu ugwalment bejn il-konvenuti.

Konsegwentement it-Tribunal jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------